**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 65/18 CZ**

**Lara Cassar**

**vs.**

**Oliver Bonanno**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fit-8 ta' Frar 2018 li biha premettiet:

Illi skond sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2011 mill-Qorti talFamilja fl-ismijiet Lara Cassar vs. Oliver Bonanno (citazzjoni numru 472/08 AF) li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 t'April 2012, il-konvenut Oliver Bonanno gie ordnat ihallas lill-attrici Lara Cassar is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba' gimghat kif ukoll nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, inkluz spejjez ghal attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward ta' binthom minuri Jeanelle Bonanno, u dan skond paragrafi 48 sa 51 tal-istess sentenza hawn anness u mmarkata Dok. A;

Illi skond 'spreadsheet' hawn anness u mmarkat Dok. B, hemm dovuta s-somma ta' elfejn tliet mija tnejn u tmenin punt sitta sitta Euro (€2,382.66) rapprezentanti sehem l-intimat ghal nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni kif ukoll attivitajiet extra kurrikulari skond kif hemm elenkat fid-dettal;

Illi l-konvenut jittenta milli jahrab mill-obbligi tieghu billi jikkontesta l-kontijiet ghal ragunijiet bla bazi, jew billi jnaqqas ammonti li allegatament ikunu dovuti lilu izda li ma jkunux fondati u lanqas ibbazati ai termini tas-sentenza surreferita;

Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan id-debitu dovut minnu, Oliver Bonanno baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn tliet mija tnejn u tmenin punt sitta sitta Euro (€2,382.66) rapprezentanti sehmu ghal nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni kif ukoll attivitajiet ohra extra kurrikulari skond kif hem elenkat fid-dettal fl-ispreasheet hawn anness u mmarkat Dok. B.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll ta' l-ittra ufficcjali li ggib id-data 22 ta' Mejju 2017 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficcjali u cioe' mis-27 ta' Mejju 2017 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa fid-9 ta' Marzu 2018 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-attrici ghal-hlas tas-somma indikata fl-avviz tat-talba qed tigi kkontestata, stante ili parti sostanzjali minn dan l-ammont mhux dovut, u dan kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi ghalkemm huwa minnu illi nghatat decizjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Familja li pemrezz taghha l-konvenut gie orndat ihallas ghl nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, inkluz spejjez ghall-attivitajiet extra-kurrikulari, madankollu l-attrici naqset milli tipprovdei lill-konvenut b'ricevuti ghal tali spejjez, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, oltre li konsistentement naqset milli tinformah dwar l-attivitajiet li l-minuri kienet qed tippartecipa fihom, anzi tahbilu dwarhom, u mbaghad titlob u tippretendi hlas ghalihom.
3. Illi in rigward spejjez tal-iskola, dawn dejjem thallsu, u ghalkemm hemm ammont zghir li huwa dovut, il-konvenut offra u baghat il-hlas, izda dan gie rifjutata mill-attrici, kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' l-attrici[1], Sue Rossi[2], Ritienne Azzopardi[3], Gillian Kamenzuli Kerr[4], il-konvenut[5] u Joseph Debono[6].

Sema' t-trattazzjoni.

---

[1] Fol. 29 u affidavit a fol. 40, u kontro-ezami fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019.
[2] Fol.102
[3] Fol. 104
[4] Fol. 115
[5] Seduta tal-5 ta' Novembru 2018, affidavit a fol. 171, u xiehda a fol. 189, u kontro-ezami fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019.
[6] Fol. 192 u fol. 203

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici qed titlob diversi spejjez konsistenti fis-segwenti:

1. Spejjez tal-iskola - Tliet mija u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u tletin centezmu (€322.31) ghal uniformi, kotba u stationery. L-attrici tghid illi f'dna ir-rigward il-konvenut kien taha cheque, li hi rrifjutat, li jkopri parti biss mill-ispiza u cioe' mija u sebgha u tletin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€137.42). Il-konvenut f'din l-ispiza qed jikkontesta dik il-parti fejn l-attrici qed titlob il-linka, ghaliex skond hu il-linka ma tintuzax ghall-htigijiet tat-tifla biss izda anke tal-attrici u ta' nies ohra. It-Tribunal pero' josserva illi x-xiri tal-linka f'dawn iz-zminijiet huwa essenzjali biex l-istudenti jkunu jistghu jissoktaw bix-xoghol taghhom tal-iskola u ghalhekk kull allegazzjoni li l-linka mhux qed tintuza kif imiss, apparti li ma gietx pruvata, hija wkoll bla bazi, u ghalhekk l-ammont mitlub ghandu jithallas fis-shih, bil-linka b'kollox. B'dan ghalhekk illi l-konventu ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' **mija u wiehed u sittin Euro u hmistax-il centezmu (€161.15)**.
2. Trasport tal-iskola – L-attrici qed titlob il-hlas ta' elf, erba' mija u hamsa u tmenin Euro ghal perjodu li jkopri mill-2014 sal-2018. F'dan ir-rigward il-konvenut isostni li dan l-ammont ghandu jitnaqqas peress li ma ttihidx qies ta' *tax deduction* li nghatat lill-attrici, kif ukoll il-fatt illi huwa hallas ukoll is-somma ta' elf u ghoxrin Euro (€1,020) ghat-trasport tal-iskola. Dwar dan l-ahhar punt, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, hija cara fis-sens li l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri. Ma' dawn l-ispejjez tal-edukazzjoni hemm inkluz it-trasport, u ghalhekk jekk saret din l-ispiza ta' elf, erba' mija u hamsa u tmenin (u li bhala tali ma hijiex kontestata mill-konvenut), il-konvenut ghandu jhallas nofsha, irrilevantement minn dak li

hallas hu ghal vjaggi ohra. Dan qed jintqal minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni li l-konvenut jidhirlu ghandu jiehu dwar il-pretensjonijiet tieghu. Dwar il-punt tat-*tax deduction* il-konvenut sewwa jghid illi fil-fatt l-attrici l-ispiza li rreklamat effettivament ma hallsithiex kollha, ghax tnaqqsitilha parti minnha. Fir-rendikont minnu prezentat bhala Dok. GB 1 il-konvenut jindika l minn din is-somma ghalhekk ghandha titnaqqas is-somma ta' mija u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€112.50). It-Tribunal jiddikjara li dawn ghandhom verament jitnaqqsu, biex b'hekk il-konvenut jigi li ghandu jhallas **sitt mija u sitta u tmenin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€686.25)**.

3. Kant – F'dan ir-rigward, ghandu jinghad li skond l-istess sentenza fuq imsemija, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez anke tal-attivitajiet extra-kurrikulari, inkluz, f'dan il-kaz, it-taghlim tal-kant. Il-konvenut sostna li dan l-ammont mhux dovut ghax ma nghatax opportunita' li jivverifika l-kontijiet, apparti li ma nghata l-ebda informazzjoni dwar il-lezzjonijiet tat-tifla. Dwar din tal-ahhar, lit-Tribunal jirrizultalu li l-konvenut kien ikun jaf b'tali lezzjonijiet u anke kuncerti, tant illi kien hemm okkazjoni minnhom fejn lit-tifla ma hadhiex ghal kuncert sabiex jehodha ghal attivita' ohra. It-Tribunal ma jara xejn f'dan l-agir hlief pika zejda u nuqqas ta' interess ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenut. Fl-istess hin, jekk f'xi perjodu partikolari l-attrici ma kinitx qed turi lill-konvenut b'mod dettaljat liema kienu l-kuncerti li kellha t-tifla, kienet ukoll qed tonqos. Dwar il-fatt illi ma nghatax l-opportunita' li jivverifika l-kontijiet, irrizulta li l-konvenuta verament qatt m'affaccatu b'dawn ir-ricevuti, izda dan ma jfissirx li l-ammont m'ghandux ikun dovut. Dan jekk xejn ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta t-Tribunal jasal ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza odjerna. L-ispiza tal-kant giet sodisfacentement pruvata bl-affidavit ta' Gillian Kamenzuli Kerr u Ritienne Azzopardi, hlief ghall-ispiza ta' mija u hamsin Euro (€150) ghal registrazzjonijiet, li ma jidhirx li hija korroborata minn ricevuta, u ghaldaqstant mill-ammont mitlub ghandu jitnaqqas l-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150). Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas **elf, mija u sitta u erbghin Euro u hamsin centezmu (€1,146.50)**.
4. Whiz Adventure Activity – Din kienet attivita' extra-kurrikulari li kienet tinvolvi avventuri u attivitajiet fuq barra. Din l-ispiza giet verament pruvata, izda gie pruvat ukoll illi l-attrici rceviet tax deduction fuqha u allura mill-

ammont mitlub mill-konvenut (mija u hamsa w ghoxrin Euro (€125) ghandha titnaqqas din id-deduction. B'hekk il-konvenut ghandu jhallas **mija u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€112.50)**.

5. Mudellar – L-attrici rnexxielha tipprova illi ghamlet l-ispiza ghal-lezzjonijiet tal-immudellar tat-tifla, anke kif pruvat mill-affidavit ta' Sue Rossi. Il-konvenut fuq kollox qabel li jhallas l-ammont mitlub u cioe' dak ta' nofs ta' mija u sebghin Euro, li jigu allura hamsa u tmenin Euro (€85). L-attrici talbet ukoll il-hlas ta' nofs is-somma ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) ghal servizz fotografiku, li wkoll hija dovuta, kif jirrizulta mill-istess affidavit ta' Sue Rossi. Dan is-servizz ta' fotografija kien parti integrali mill-kors tal-immudellar li kienet qed taghmel it-tifla, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala parti mill-ispiza ta' din l-attivita' extra-kurrikulari. Ghalhekk, ghalkemm il-konvenut jaqbel li tithallas parti mis-somma mitluba, it-Tribunal jirrizultalu li ghandha tithallas is-somma kollha, li hija ftit ikbar minn dik li qabel fuqha l-konvenut. B'hekk il-konvenut ghandu jhallas **sebgha u disghin Euro u hamsin centezmu (€97.50)**.
6. Privat tal-matematika – Il-konvenut iddikjara li dawn thallsu u l-attrici dan ma cahditux. It-Tribunal ma rax ricevuti f'dan is-sens, u ghalhekk dan l-ammont ta' sebghin Euro (€70) m'ghandux jithallas.

Illi t-total ta' dak dovut mill-konvenut lill-attrici wara li sar it-tnaqqis kif fuq spjegat huwa ta' **elfejn, mitejn u tliet Euro u disghin centezmu (€2,203.90)**.

Illi apparti dan, l-attrici ammettiet li l-ircevuti relattivi ghall-ispejjez tal-kant lill-konvenut m'ghaddiethomlux, izda l-bqija tal-ircevuti relattivi ghall-ispejjez l-ohra ghaddiethomlu. Iktar minn hekk, ghandu jinghad illi ghalkemm fil-kontro-ezami taghha l-attrici indikat li kienet gharrfet lill-konvenut b'dawn l-ispejjez tal-kant permezz ta' ittra ufficcjali fit-22 ta' Mejju 2017 bin-numru 1021/17, lit-Tribunal ma rrizultalux li hemm kopja ta' din l-ittra ufficcjali fl-atti tal-kawza odjerna. Dan kollu ghandu jittiehed kont tieghu kemm ghall-ispejjez tal-kawza kif ukoll ghall-imghax.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, ħlief għat-tieni waħda li qed jilqagħha parzjalment, u konsegwentement jilqa' parzjalment ukoll it-talbiet tal-attriċi, u jordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn, mitejn u tliet Euro u disgħin ċentezmu (€2,203.90).  L-imgħax fuq il-lezzjonijiet tal-kant u ċioe' fuq l-ammont ta' elf, mija u sitta u erbgħin euro u ħamsin ċentezmu (€1,146.50) jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv, filwaqt illi l-imgħax fuq il-bqija tas-somma, u ċioe' fuq is-somma ta' elf u seba' u ħamsin Euro u erbgħin ċentezmu (€1,057.40) jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sal-ħlas effettiv.  L-ispejjeż tal-kawża odjerna jitħallsu kwantu għal sitt partijiet minn għaxra (6/10) mill-konvenut u erba' partijiet minn għaxra (4/10) mill-attriċi.

**Dr. Claudio Żammit**

**Ġudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Reġistratur